# Għid il-Ħamsin

**Solennità - Quddiesa tal-Vġili**

## Qari I

*Issejħet Babel, għax hemmhekk il-Mulej ħawwad ilsien l-art kollha.*

Ġen 11, 1-9

**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi**

1L-art kollha kienet ilsien wieħed u kliem wieħed. 2Meta l-bnedmin
telqu mil-Lvant sabu wita f'art Singħar u baqgħu hemm.

3U qalu wieħed lill-ieħor: «Ejjew nagħmlu l-madum u naħmuh
sewwa!» U l-madum kienu jużawh flok il-ġebel, u l-qatran flok
it-tajn. 4U reġgħu qalu: «Ejjew nibnu belt għalina, u torri, bil-quċċata
tiegħu tilħaq is-smewwiet, u nagħmlu isem għalina, ħalli ma
nixterdux mal-wiċċ kollu ta' l-art.»

5U l-Mulej niżel jara l-belt u t-torri li kienu qegħdin jibnu
l-bnedmin. 6U l-Mulej qal: «Arahom, poplu wieħed u lsien wieħed
għalihom ilkoll. U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom; issa kull ma
jiġihom f'rashom xejn ma jaqtgħalhom qalbhom! Ejja, ħa ninżlu u
nħabblulhom ilsienhom, ħalli ma jifhmux ilsien xulxin.»

8U l-Mulej xerridhom minn hemm għal fuq wiċċ l-art kollha, u waqfu
mill-bini tal-belt. 9Għalhekk bdew isejħulha Babel, għax hemm
ħawwad il-Mulej ilsien l-art, u minn hemm xerridhom il-Mulej
mal-wiċċ kollu ta' l-art.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 32 (33), 10-11.12-13.14-15

R/. (12): Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu

10 Il-Mulej ixejjen il-fehmiet tal-ġnus,
ifixkel il-ħsibijiet tal-popli.
11 Imma l-fehma tal-Mulej tibqa' għal dejjem,
minn żmien għal żmien il-ħsibijiet ta' moħħu. R/.

12 Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu,
il-poplu li hu għażel b'wirt tiegħu.
13 Mill-għoli tas-smewwiet iħares il-Mulej,
u jara l-bnedmin kollha. R/.

14 Mill-post fejn jgħammar
jistħarreġ fuq dawk kollha li jgħixu fuq l-art.
15 Hu jsawwar il-qalb ta' kull wieħed,
u jagħraf għemilhom kollu. R/.

*Jew*

# Qari I

*Il-Mulej jinżel fuq il-muntanja Sinaj quddiem il-poplu.*

Eż 19, 3-8a.16-20b

**Qari mill-Ktieb ta' l-Eżodu**

F'dak iż-żmien, [3]Mosè tala' ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu
mill-muntanja u qallu: «Dan għid lil dar Ġakobb u għarraf lil ulied
Iżrael: [4]"Rajtu intom x'għamilt lill-Eġizzjani, u kif lilkom ġarrejtkom
fuq il-ġwienaħ ta' l-ajkli u ressaqtkom lejja. [5]Issa, jekk tisimgħu leħni
u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost
il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi. [6]Intom tkunu għalija saltna
ta' qassisin u ġens qaddis." Dan hu l-kliem li tgħid lil ulied Iżrael.»

[7]Imbagħad Mosè mar isejjaħ lix-xjuħ tal-poplu, u qegħdilhom
quddiemhom dan il-kliem kollu li ordnalu l-Mulej. [8]U l-poplu
kollu wieġeb b'leħen wieħed u qalu: «Kull ma qal il-Mulej aħna
nagħmluh.»

[16]Fit-tielet jum mas-sebħ kien hemm ragħad u beraq, u sħab oħxon
għatta l-muntanja. Instama' wkoll iż-żarżir qawwi tat-tromba, u
triegħed il-poplu kollu fil-kamp. [17]Mosè ħareġ il-poplu mill-kamp
biex jiltaqgħu ma' Alla; u waqfu f'riġlejn il-muntanja.

[18]Il-muntanja tas-Sinaj bdiet iddaħħan kollha kemm hi, għax niżel
fuqha l-Mulej fin-nar. Id-duħħan beda tiela' 'l fuq bħad-duħħan ta'
forn, u l-muntanja kienet titheżheż kollha. [19]Kull ma jmur id-daqq
tat-tromba kien dejjem jitqawwa. Imbagħad tkellem Mosè, u Alla
wieġbu b'ragħda. [20]U niżel il-Mulej fuq il-quċċata tal-muntanja tas-
Sinaj, u l-Mulej sejjaħ lil Mosè biex jitla' fuq il-quċċata tal-muntanja.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 102 (103), 1-2.3-4.6-7.17-18

R/. (17): It-tjieba tal-Mulej ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħu

1 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
B'qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu.
2 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek. R/.

3 Hu li jaħfer dnubietek kollha;
ifejjaq il-mard tiegħek kollu;
4 jifdi lil ħajtek mill-qabar;
iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena. R/.

6 Il-Mulej jagħmel is-sewwa,
u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.
7 Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu,
l-għemejjel tiegħu lil ulied Iżrael. R/.

17 Imma t-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem
ma' dawk li għandhom il-biża' tiegħu,
u s-sewwa tiegħu ma' wlied uliedhom;
18 ma' dawk li jħarsu l-patt tiegħu,
u jiftakru fil-preċetti tiegħu u jħarsuhom. R/.

*Jew:*

# Qari I

***Għadam niexef, jien se nġib fik ir-ruħ, u inti terġa' tgħix.***

Eżek 37, 1-14

## Qari mill-Ktieb tal-Profeta Eżekjel

F'dak iż-żmien, 1ġiet fuqi id il-Mulej u ħaditni fl-ispirtu tal-Mulej
u qegħditni f'nofs il-wied. Dan kien miżgħud bl-għadam. 2Huwa
għaddieni dawramejt madwarhom, u kien hemm kotra kbira mxerrda
mal-wied, u kienu kollha niexfa qoxqox.

3U l-Mulej qalli: «O bniedem, jista' dan l-għadam jerġa' jieħu l-ħajja?»
Jiena weġibt: «Sidi Mulej, dan inti tafu.» 4U qalli: «Ħabbar lil dan
l-għadam u għidlu: "O għadam niexef, isma' l-kelma tal-Mulej. 5Hekk
qal Sidi l-Mulej: Ara, jien se nġib fik ir-ruħ, inti terġa' tgħix. 6U nqiegħed
fik in-nervi, u ntellagħlek il-laħam, u niksik bil-ġilda, u nqiegħed fik
ir-ruħ. U inti terġa' tgħix, u tkun taf li jiena l-Mulej."» 7Imbagħad
ħabbart kif ordnali. U jiena u nħabbar instama' ħoss, u ara, l-għadam
tqanqal, u kollha bdew resqin lejn xulxin, għadma lejn għadma. 8Jien
ħarist, u ara, ġew fihom in-nervi, telgħalhom il-laħam, fuqhom infirxet
il-ġilda, imma nifs ma kienx hemm fihom.

9U qalli: «Ħabbar lir-ruħ, ħabbar, o bniedem, u għid lir-ruħ: "Hekk qal
Sidi l-Mulej: Ejja, ruħ, mill-erbat irjieħ tad-dinja, onfoħ fuq dawn
il-mejtin, ħa jerġgħu jieħdu l-ħajja."» 10Jien ħabbart kif ordnali, u r-ruħ
daħlet fihom, u reġgħu ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom, eżerċtu
kbir fuq li kbir.

11U qalli: «O bniedem, dan l-għadam huwa d-dar kollha ta' Iżrael. Ara,
huma jgħidu: "Nixef għadamna, it-tama tagħna għabet, inqridna għal
kollox." 12Għalhekk ħabbrilhom u għidilhom: "Hekk qal Sidi l-Mulej:
Ara, jiena niftaħ l-oqbra tagħkom, poplu tiegħi, u nġibkom lura f'art
Iżrael.

[13]Imbagħad tkunu tafu li jiena l-Mulej, meta niftaħ l-oqbra tagħkom u
ntellagħkom mill-oqbra tagħkom, poplu tiegħi. [14]U jiena nqiegħed ruħi
fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja. Inqegħedkom f'artkom u tkunu tafu li
jiena l-Mulej. Hekk għedt, u hekk nagħmel."» Oraklu tal-Mulej.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 50 (51), 3-4.8-9.12-13.14.17

R/. (12): Oħloq fija qalb safja, o Alla

[3]Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek;
fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar ħtijieti.
[4]Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi;
naddafni mid-dnub tiegħi. R/.

[8]Int li tħobb il-qalb sinċiera,
għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.
[9]Roxxni bl-ilma, u nissaffa;
aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad. R/.

[12]Oħloq fija qalb safja, o Alla,
u spirtu qawwi ġedded fija.
[13]La twarrabnix minn quddiemek;
tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek. R/.

[14]Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek,
u bi spirtu qalbieni wettaqni.
[15]Lill-midinbin ngħallem triqatek,
u l-ħatjin lejk jerġgħu lura. R/.

*Jew*

## Qari I

***Insawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-qaddejja kollha tiegħi.***

Ġoel 3, 1-5

**Qari mill-Ktieb tal-Profeta Ġoel**

Dan jgħid il-Mulej:
1«Jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha.
Uliedkom iħabbru, subien u bniet,
ix-xjuħ tagħkom ikollhom ħolm,
iż-żgħażagħ tagħkom jaraw viżjonijiet.
2U mqar fuq il-qaddejja, rġiel u nisa,
insawwab l-ispirtu tiegħi f'dawk il-jiem.

3Fis-sema u fl-art nuri sinjali,
demm u nar u kolonni ta' duħħan!
4Ix-xemx tinbidel fi dlam,
u l-qamar f'demm,
qabel ma jasal Jum il-Mulej,
kbir u tal-biża'!

5U kull min isejjaħ isem il-Mulej jinħeles,
għax fuq il-muntanja Sijon ikun hemm is-salvazzjoni,
kif qal il-Mulej,
u f'Ġerusalemm jibqgħu xi wħud li l-Mulej isejjaħ.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Salm Responsorjali

Salm 103 (104), 1-2a.24.35c.27-28.29bc-30

R/. (30): Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ ta' l-art
*Jew*
R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

1 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, int kbir bil-bosta!
Bis-sebħ u bil-ġmiel inti mlibbes,
2 bid-dawl, bħal b'mantell, inti mkebbeb. R/.

24 Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Kollha bl-għerf int għamilthom;
mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek.
35 Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej! R/.

27 Minnek jistennew il-ħlejjaq kollha
li tagħtihom ikilhom f'waqtu.
28 Inti tagħtihom, u huma jiġbru;
tiftaħ idejk, u jixbgħu bil-ġid. R/.

29 Jekk teħdilhom nifishom, imutu,
u lejn it-trab jerġgħu jmorru.
30 Malli tibgħat in-nifs tiegħek, jinħolqu,
u inti ġġedded il-wiċċ ta' l-art. R/.

# Qari II

*L-Ispirtu jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem.*

Rum 8, 22-27

**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lir-Rumani**

Ħuti, [22]aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ
tal-ħlas; [23]u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott
ta' l-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew
l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna. [24]Aħna salvi bit-tama.

Meta wieħed jara l-ħwejjeġ li jkun ittama, ma tkunx aktar tama; għax
kif jista' wieħed jittama l-ħwejjeġ li ġa jkun ra? [25]Imma dak li qegħdin
nittamaw, jekk m'aħniex narawh, qed nistennewh bis-sabar.

[26]Hekk ukoll l-Ispirtu, min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila
tagħna. Għax aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu
stess jidħol għalina bit-talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser
bil-kliem; [27]u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub, jaf x'inhi x-xewqa
ta' l-Ispirtu; bit-talb tiegħu jidħol għall-qaddisin skond ma jrid Alla.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Hallelujah. R/. Hallelujah
Ejja, Spirtu s-Santu, imla l-qlub tal-fidili tiegħek
u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.
R/. Hallelujah

## Evanġelju

*Minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.*

Ġw 7, 37-39

**✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann**

37 Fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar solenni, Ġesù qam jgħid b'leħen
għoli: «Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob.
38 Kif tgħid
l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj.»

39 Dan qalu għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih, għax
l-Ispirtu kien għad ma ngħatalhomx, billi Ġesù kien għadu ma ġiex
igglorifikat.

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu

# Għid il-Ħamsin

**Solennità - Quddiesa tal-Jum**

## Qari I

*Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu.*

Atti 2, 1-11

**Qari mill-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli**

1Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post
wieħed. 2F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u
mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. 3U dehrulhom ilsna qishom
tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. 4Imtlew
ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma
l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.

5F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon
li hawn taħt is-sema. 6Malli nstama' dan il-ħoss, inġabret kotra
kbira, ilkoll imħawdin għax kull wieħed minnhom kien jismagħhom
jitkellmu bl-ilsien tiegħu. 7Miblugħin u mistagħġbin, bdew jgħidu:
«Dawn li qegħdin jitkellmu m'humiex ilkoll mill-Galilija? 8Mela
kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art
twelidu? 9Partin, Medin u Għelamin, nies mill-Mesopotamja,
mil-Lhudija, mill-Kappadoċja, minn Pontu, mill-Asja, 10mill-Friġja,
mill-Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni, nies li
ġew minn Ruma, 11kemm Lhud u kemm prosèliti, oħrajn minn Kreta
u Għarab, aħna lkoll qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna
l-għeġubijiet ta' Alla!»

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

# Salm Responsorjali

Salm 103 (104), 1ab.24ac.29bc-30.31.34

R/. (30): Ibgħat l-Ispirtu tiegħek, Mulej, u ġedded il-wiċċ ta' l-art

*Jew*

R/. Hallelujah, hallelujah, hallelujah

1 Bierek ruħ tiegħi, lill-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, inti kbir bil-bosta!
24 Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej!
Mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek. R/.

29 Jekk teħdilhom nifishom, imutu,
u lejn it-trab jerġgħu jmorru.
30 Malli tibgħat in-nifs tiegħek, jinħolqu,
u inti ġġedded il-wiċċ ta' l-art. R/.

31 Jibqa' sebħ il-Mulej għal dejjem!
Jifraħ il-Mulej bl-għemejjel tiegħu!
34 Ħa togħġbu l-għanja tiegħi,
għax jiena fil-Mulej l-hena tiegħi. R/.

# Qari II

*Ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed.*

1 Kor 12, 3b-7.12-13

**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**

Ħuti, [3]ħadd ma jista' jgħid: «Ġesù hu l-Mulej!» jekk mhux imqanqal
mill-Ispirtu s-Santu.

[4]Hemm imbagħad diversi doni, imma l-istess wieħed hu l-Ispirtu;
[5]hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej; [6]hemm
diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd. [7]Lil
kull wieħed tingħata r-rivelazzjoni ta' l-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd.

[12]Bħalma l-ġisem hu wieħed u fih ħafna membri, u l-membri kollha
tal-ġisem, għad li huma ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll
Kristu. [13]Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex
nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew ħielsa,
u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed.

**Il-Kelma tal-Mulej**

R/. Irroddu ħajr lil Alla

## Sekwenza

Spirtu s-Santu, ejja fina,
raġġ ta' dawl qaddis agħtina,
xerrdu f'ruħna mis-smewwiet.

O Missier il-foqra tiegħek,
inti ġġib id-doni miegħek,
tagħni b'dawlek qalb l-ulied.

Inti l-aqwa faraġ tagħna,
fik kull hena xħin tkun magħna,
tħossok fewġa ħelwa r-ruħ.

Fl-għaja, lejn is-serħ twassalna;
jekk imħeġġa wisq, trażżanna;
mill-għajnejn tixxotta d-dmugħ.

O dawl hieni ta' qdusija,
nitolbuk li bik mimlija
tkun il-qalb ta' kull fidil.

Mingħajr dawlek li jmexxina
ebda ħajr ma jkun hemm fina,
ebda safa fl-għemil.

Naddaf kull fejn hemm it-tbajja',
fejn hemm nixfa reġġa' l-ħajja,
lill-miġruħ agħtih fejqan.

*Veni, Sancte Spiritus,*
*et emitte caelitus*
*lucis tuae radium.*

*Veni, pater pauperum,*
*veni, dator munerum*
*veni, lumen cordium.*

*Consolator optime,*
*dulcis hospes animae,*
*dulce refrigerium.*

*In labore requies,*
*in aestu temperies*
*in fletu solacium.*

*O lux beatissima,*
*reple cordis intima*
*tuorum fidelium.*

*Sine tuo numine,*
*nihil est in homine,*
*nihil est innoxium.*

*Lava quod est sordidum,*
*riga quod est aridum,*
*sana quod est saucium.*

Rattab fina l-ebusija,
agħti lill-berdin bżulija,
għin fit-triq lil min beżgħan.

Agħti s-seba' doni tiegħek
lil min jimxi fidil miegħek
u li fik jistrieħ kull ħin.

Agħti 'l kull virtù sabiħa
ħlas ta' salvazzjoni sħiħa,
agħti l-ġenna lit-tajbin.
Amen.  Hallelujah.

*Flecte quod est rigidum,*
*fove quod est frigidum,*
*rege quod est devium.*

*Da tuis fidelibus,*
*in te confidentibus,*
*sacrum septenarium.*

*Da virtutis meritum,*
*da salutis exitum,*
*da perenne gaudium,*
*Amen, Alleluia.*

## Akklamazzjoni qabel l-Evanġelju

Hallelujah.  R/. Hallelujah
Ejja, Spirtu s-Santu,
imla l-qlub tal-fidili tiegħek
u kebbes fihom in-nar ta' mħabbtek.
R/. Hallelujah

# Evanġelju

*Ħudu l-Ispirtu s-Santu.*

Ġw 20, 19-23

## ✠ Qari mill-Evanġelju skond San Ġwann

[19]Dak il-Ħadd fil-għaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli
kienu flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù
u qagħad f'nofshom; u qalilhom: «Is-sliem għalikom!» [20]Kif qal hekk,
uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.

[21]Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: «Is-sliem għalikom! Kif il-Missier
bagħat lili, hekk jien nibgħat lilkom.» [22]Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u
qalilhom: «Ħudu l-Ispirtu s-Santu. [23]Dawk li taħfrulhom dnubiethom
ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma.»

**Il-Kelma tal-Mulej**
R/. Tifħir lilek Kristu